MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 152/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Tonna)
Vs

Alberta Amato

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1. nhar il-5 ta' Gunju, 2006, gewwa l-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' kif ukoll f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin biex tikseb vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni falza, jew tat taghrif falz, billi wahhlet licenzja ffalsifikata fuq mutur GBE 898, billi wahhlitlu numru ta' registrazzjoni JAG 312;

2. fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor iffalsifikat billi uzat licenzja iffalsifikata;
3. kkommettiet serq ta' mutur bla numru tal-ghamla Piaggio(GBE 898) ghad-dannu ta' Andrew Formosa mill-Gzira bil-hsieb li taghmel uzu minn dan il-mutur u tirritornah lura;
4. fl-istess data u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' bil-hsieb li taghmel uzu temporanju tal-mutur Piaggio saqet l-istess mutur minghajr ma kellha l-kunsens tas-sid tieghu jew awtorita' legittima ohra;
5. fl-istess data u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' saqet mutur Piaggio b'manjiera traskurata u perikoluza;
6. fl-istess data u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan kurrenti mahruga mill-awtorita' kompetenti u kif ukoll saqet l-istess mutur minghajr ma kellha licenzja kurrenti sabiex tintuza fit-toroq;
7. fl-istess data u hinijiet fl-inhawi tal-Gzira u tal-Pieta' saqet il-mutur minghajr ma kienet koperta b'polza t'assikurazzjoni ghall-riskji tat-terzi persuni;
8. saret recidiva b'diversi sentenza li saru definittivi mill-qorti tal-Magistrati (Malta);
9. kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti w dan wara li kkommettiet reat fil-perjodu tal-operat tas-sentenzi sospizi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 t'April, 2007 li biha wara li rat l-artikoli 288, 28A, 28B, 49 u 50 tal-Kap. 9, 15(1)(a)(2) u (3), 24 tal-Kap. 65, 3 tal-Kap. 104, sabet lill-imputata hatja tat-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni w ma sabithiex hatja tal-ewwel u t-tieni akkuza w minnhom illiberatha kif ukoll, wara li rat il-fedina penali tal-appellanti, irrendiet effettiva s-sentenza tad-9 ta' Mejju, 2005 u ordnat l-esekuzzjoni tal-istess billi t-terminu ta' prigunerija ta' 18-il xahar jibda' jidekorri, oltre li kkundannatha ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1500) fuq l-akkuzi 3, 4, 5, 6 u 7 u skwalifikat lill-appellanti milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-11 t'April, 2007, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha takkolji l-ewwel aggravju dwar in-nullita' procedurali u tiddikjara l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi nkluza s-sentenza appellata bhala nulli u bla effett, thassar u tirrevoka l-istess sentenza w a tenur tal-Artikolu 428 (1) tal-Kap. 9, tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti kompetenti sabiex il-kaz jigi ttrattat skond il-Ligi.

Alternattivament tilqa' l-aggravji rimanenti u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellanti giet dikjarata mhux hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minnhom illiberatha izda hatja tat-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt, u s-seba' kif ukoll fejn iddikjaratha recidiva fit-termini tal-Artikolu 49 tal-kap. 9, kif ukoll illi kkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, kif ukoll fejn ordnat illi l-appellanti tkun skwalifikata milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena w tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti fejn applikat l-Artikolu 50 ghall-finijiet ta' recidiva, ordnat l-esekuzzjoni tas-sentenza sospiza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Mejju, 2005 biex hekk attivat u rrendiet effettiv il-perjodu ta' tmintax-il xahar prigunerija, ikkundannatha ghal multa ta' elf u hames mitt lira (LM1500) u minflok tinfliggi piena aktar gusta w idoneja ghall-kaz u dwar is-sentenza sospiza titratta mal-appellanti b'wiehed mill-metodi indikati fl-Artikolu 28B(2)(a)(b).

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tal-lum.

Ikkonsidrat;

Illi kif jidher mill-verbali registrati mill-prosekuzzjoni w id-difiza fl-udjenza tal-lum,  meta gie pprezentat il-kunsens tal-Avukat Generali fl-udjenza tat-28 ta' Gunju, 2006 quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputata appellanti ma kienitx prezenti w ergo ma setghetx taghti l-kunsens taghha jew tirregistra n-nuqqas t'opposizzjoni taghha biex il-kawza tigi trattata w deciza bi procedura sommarja kif mahsub fl-

artikolu 370 (3)(a) tal-Kodici Kriminali w dan minkejja dak kollu li hemm miktub fis-sentenza appellata w li dan il-kunsens jew nuqqas ta’ oggezzjoni lanqas jirrizulta li nghata jew gie registrat f’xi wahda mis-seduti sussegwenti mizmuma quddiem l-Ewwel Qorti sakemm inghatat is-sentenza appellata. B’danakollu, l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tisma l-provi bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali w iddeciediet il-kawza f’din il-vesti taghha. Ghalhekk qablu li dan jikkostitwixxi difett procedurali sostanzjali li ghandu jwassal ghall-annullament tal-proceduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti w konsegwentement ghas-sentenza appellata w li l-kawza ghandha tigi mibghuta lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex titkompla mill-gdid mill-istadju immedjatament wara li l-appellanti tressqet il-Qorti w qabel ma sar l-ezami taghha.

In vista ta’ dan il-qbil, li din il-Qorti taderixxi perfettament mieghu, qed tilqa’ l-appell tal-appellanti w tiddikjara li l-procedura kollha segwita mill-Ewwel Qorti kif ukoll is-sentenza appellata kienet irritwali w nulla w konsegwntement qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex il-kawza tigi mismugha mill-gdid u deciza skond il-ligi, b’dana li l-appellanti ghandha terga’ titpogga fl-istat li kienet immedjatament wara li tressqet il-Qorti l-ewwel darba w qabel ma sar l-ezami taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------